# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 476/97

George Borg Marks

vs

Direttur Generali ta' l-

Avjazzjoni Civili

Illum 24 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fis-16 ta' Mejju 1988 huwa sofra ingustizzja f'li nghata transfer bla ebda raguni spjegazzjoni jew b'rizultat ta' xi nuqqas minn naha tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. F'Dicembru 1984 huwa issejjah mid-direttur ta' l-Avjazzjoni Civili (illum Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili) u gie mgharraf li f'Jannar 1985 kellu jibda jmexxi l-Air terminal ta' l-Ajruport ta' Hal Luqa liema post kien safa vakanti wara l-mewt ta' l-Airport Manager ta' qabel.

2. Fit-2 ta' Jannar 1985 huwa nhatar Acting Airport Manager (Dok A). Matul il-perjodu li dam jokkupa din il-kariga (madwar tlett snin u hames xhur) huwa dejjem qeda d-dmir tieghu b'mod efficjenti fit-tmexxija ta' l-aktar sezzjoni difficli li kellu d-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili u kellu responsabilita' kbira filwaqt li baqa' bir-rank ta' Logotenent fil-Forzi Armati ghalkemm sezzjonijiet ohra fl-istess Dipartiment kellhom kapijiet bir-rank ta' Maggur.

3. Ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987 intbaghatet tahdem mieghu persuna b'sentimenti politici maghrufa liema persuna kienet ordnata toqghod fl-istess ufficju tieghu. Hafna persuni u organizzazzjonijiet kienu jaghmlu kuntatti ma' din il-persuna minn wara daru. Din il-persuna kienet ingiebet minn Dipartiment iehor tal-Gvern bl-iskop ewlieni li jkun maghruf dak kollu li kien qed jigri fl-Air Terminal u biex jiddahhlu diversi persuni jahdmu fl-Air Terminal. Ta' min isemmi li din il-persuna li kienet inghatat mill-ewwel il-kariga ta' Assistant Airport Manager ma setghatx tinghata il-kariga ta' Airport Manager ghax il-policy tal-Gvern kienet li l-kapijiet tas-sezzjonijiet vitali u teknici fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili kienu kollha fizzjali fil-Forzi Armati ta' Malta.

4. Fit-2 ta' Mejju 1988 huwa issejjah mid-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili u gie nfurmat li fis-16 ta' Mejju 1988 huwa kellu jerga jmur lura bhala Air Traffic controller il-kariga li kellu qabel ha t-tmexxija ta' l-Air Terminal (Dok 'B' u 'C').

5. B'hekk huwa sofra transfer politkament motivat peress li ma nghata l-ebda raguni hlief li d-Direttur ta' l-Avjazzjoni Civili kellu struzzjonijiet biex jaghmel hekk. Minbarra danni psikologici huwa sofra danni finanzjarji peress li fejn qabel kien kap ta' sezzjoni b'cans ta' promozzjoni sar-rank ta' maggur issa mar lura f'posizzjoni zewg skali wara l-kap tas-sezzjoni ta' l-Air Traffic Control u bl-ebda cans ta' promozzjoni ghax f'din is-sezzjoni kein hemm 'staff complement' li ma kienx jippermetti aktar promozzjonijiet.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jithallas lilu kumpens f'ammont ta' Lm5000 peress li llum l-Air Terminal huwa mmexxi minn kumpanija u l-kariga li kellu qabel m'ghadiex tezisti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta' l-Avjazzjoni Civili li eccepixxa:

Illi fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili kien hemm *policy decision* li certu postijiet fil-karigi ta' kapijiet ta' sezzjonijiet ikunu militarizzati. Fost dawn kien hemm il-kap li jmexxi s-sezzjoni ta' l-Air Terminal. Din il-kariga sa 28 ta' April 1984 kienet okkupata mill-Kaptan Wallace Caruana. Il-post gie vakanti minhabba l-mewt ta' dan il-Kaptan.

Ghal perjodu qasir ir-rikorrent feda t-tmexxija ta' din is-sezzjoni ghand il-Kaptan Joe Saliba li kien qieghed imexxi s-sezzjoni tal-Personnel u Wages. Minhabba li l-Kaptan Saliba ma setax ilahhaq max-xoghol ta' zewg sezzjonijiet u wara li saru l-investigazzjonijiet u l-istharrig necessarju biex tinstab persuna adattat gie deciz milir-rikorrent li Lieut. George Borg Marks (li kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' Air Traffic Controller) jintalab jassumi din ir-responsabilita' u r-rikorrent accettat.
Ir-rikorrent f'Mejju ta' 1985 irrakommanda li Lt. George Borg Marks jinghata promozzjoni fir-rank ta' Kaptan, kariga li kienet marbuta mal-post ta' Kap tat-Taqsima ta' l-Air Terminal.

F'Jannar 1988 inharget cirkulari biex jintela l-post ta' Assistant Terminal Manager u wara li saret is-selezzjoni minn fost l-applikanti gie maghzul is-Sur Richard Farrugia b'sehh mit-8 ta' April 1988.

Ghall-ahhar ta' April 1988 l-intimat hareg istruzzjonijiet biex ir-rikorrent jerga' jassumi id-dmirijiet bhala Air Traffic Controller u fil-16 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent gie effettivament trasferit mit-taqsima ta' l-Air Terminal biex jaghmel ix-xoghol ta' Air Traffic Controller.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Marzu 1999 ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-fatti kollha kif imnizzlin fir-rikors.

Xehed Salvu Fenech Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili u li kien ilu f`dik il-kariga minn Dicembru 1983. Semma li jaf lir-rikorrent u li dan kellu l-hatra tat-tmexxija tal-Air Terminal. Kellu din il-kariga mit-2 ta` Jannar 1985 u dam fil-kariga sal-15 ta` Mejju 1988. Kellu jikkordina kollox, jiehu hsieb il-VIP, jiehu hsieb ir-relazzjonijiet mal-Pulizija, mal-Emigration Police, jikkordina x-xoghol kollu li jkun hemm fl-airport, ic-check in of passangers u kellu relazzjonijiet mal-kumpaniji tal-ajru kollha. Ikkunsidra dan ix-xoghol bhala wiehed ta`

responsabbilta`.  Ix-xoghol tieghu r-rikorrent kien dejjem jaghmlu tajjeb.

Kien hemm id-decizjoni li l-Air Terminal ma jibqax aktar taht id-dipartiment tal-Avjazzjoni Civli u infatti kienet harget anke applikazzjoni ghal Assistant Airport Manager. Ix-xhud kellu istruzzjonijiet gejjin mill-Ministeru li kien jaqa` tahtu hu biex lil lir-rikorrent jerga` jibghatu fl-Air Traffic Control bhala Air Controller fix-xoghol li kien jaghmel qabel, kif fil-fatt ghamel. Ma kienx inghata ragunijiet ghal dawk l-instruzzjonijiet li kellu.  Minn Mejju tal-1988 in-nies kollha li kienu tahtu u li kienu qeghdin fl-Airport kienu spiccaw dipartiment iehor.  Kienu zammew il-kariga taghhom pero` spiccaw f` dipartiment iehor.  Min kien airport attendant baqa` jaghmel l-istess xoghol, min kien duty officer baqa` jaghmel l-istess xoghol.

Frederick Attard senior officer fil-Malta International Airport u li ilu fil-kariga minn April 1998 xehed li fl-1986 kien ha appointment ta` Management Duty Officer mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Is-Sur Richard Farrugia gie jahdem l-airport bejn Gunju, Lulju 1987. Meta gie s-Sur Farrugia anke meta kien ghad hemm is-Sur Borg Marks, prattikament ha over hu.  Is-Sur Farrugia dak iz-zmien kellu grad ta` technician 2 mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.  Fl-1988 ix-xhud kien wiehed mill-assistenti tas-Sur Borg Marks fil-kariga ta` Management Duty Officer. Matul l-1988 baqa’ fl-istess kariga pero` gie “hived off” mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili ghal gol Air

Terminal Department. Dan ifisser li dak iz-zmein kien ghadu dipartiment governattiv. Gew trasferiti mhux hu biss izda en block kullhadd barra s-Sur Borg Marks u ftit impjegati ohrajn li kienu siggetti ghal transfer u gew imnehhija wkoll. Is-Sur Farrugia baqa` jokkupa l-kariga ta` Assistant Air Terminal Manager li kien grad li jiggedded minn sena ghal sena.

Dwar it-tmexxija tas-Sur Borg Marks xehed li hu kien serju f` xogholu, mexxa dejjem li fehem lil haddiehor u dejjem ta l-impenn tieghu. Wara li telaq is-Sur Borg Marks kienet dahlet l-imma politika.

Joseph Vassallo li jahdem mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili bhala Senior Principal Administration. Xehed li mill-file jirrizulta li r-rikorrent kien inhatar Acting Airport Manager fit-2 ta` Jannar 1985 wara li l-Airport Manager il-Kaptan Wallace Caruana kien miet. Warajh kien hemm il-Kaptan Joe Saliba. Minhabba li l-Kaptan Saliba ma setax ilahhaq max-xoghol taz-zewg karigi li kellu, kien gie deciz li Lt. Borg Marks li kien dak iz-zmien Air Traffic Controller jassumi din il-kariga bhala Acting Airport Manager.

Fl-1988 kienet harget cirkolari biex jissejhu l-call for applications ghall-post ta` Assistant Terminal Manager. Kienet saret is-selezzjoni u gie mahtur is-Sur Richard Farrugia mit-8 ta` April 1988. Il-kap kien id-Direttur tas-Civili Aviation. Il-manager dak iz-zmien kien jaqa` tahtu.

Salvu Fenech xehed li fl-1986 kien hemm nies li kienu qed jahdmu fl-Armata li dak iz-zmien kienu qeghdin assenjati ghal xoghol mal-Airport Company li kienet tifforma parti mill-Armata izda bhala amministrazzjoni kienet taqa' taht ix-xhud. Fid-19 ta' Settembru 1986 kiteb ittra fejn kien irrakkomanda li certu nies li kienu qeghdin jaghmlu xoghol li fil-fatt kien qed isir regolarment minnhom, jinghataw il-promozzjoni relattiva.

Fl-1986 ir-rikorrent kien Lieutenant. Peress li kien qed jaghmel xoghol ta' Kap tat-Taqsima ta' l-Air Terminal li kienet ekwivalenti ghar-rank ta' Kaptan, irrakkomanda li r-rikorrent jiehu l-promozzjoni ghal Kaptan fl-1986 pero` fil-fatt ma hadhiex. Minn dawk li kien irrakkomanda hadd ma ha l-promozzjoni. Kien hemm min kien ilu jaghmel dak ix-xoghol ghal xi sentejn. Fil-fatt ir-rikorrent kien ilu jaghmel dak ix-xoghol minn disa' xhur sa sena.

F' Mejju tal-1988 kien ghadu jaghmel xoghol ta' Kap tat-taqsima tal-Air Terminal pero` fl-1988, f' Mejju, kien rega' gie trasferit lura ghax-xoghol li kien jaghmel ta' Air Traffic Controller.

Semma l-OPM Circular tal-20 ta ' Jannar 1988 ghall-post ta' Assistant Terminal Manager li kienet miftuha biss ghas-civilians. Dan ifisser li meta harget l-applikazzjoni f' Jannar tal-1988 ir-rikorrent ma setax japplika ghaliha. Din kienet ekwivalenti ghax-

xoghol li kien qieghed jaghmel hu dak iz-zmien. Huwa kellu grad anqas minn xogholu.

Kien sar s-Sur Richard Farrugia wara li saru l-interviews u infatti fid-dokument 'SFC' hemm ukoll ir-rizultati tas-selection board. Fl-interview is-Sur Farrugia kien gie l-ewwel avolja kien hemm min kien ilu jaghmel ix-xoghol ghal zmien twil aktar minnu.

Kien ircieva istruzzjonijiet mill-Ministeru tieghu biex mill-ghada jittrasferixxi lir-rikorrent ghax-xoghol li kien jaghmel qabel. Ir-rikorrent dejjem baqa' fl-Armata. F' Mejju tal-1988 kien hemm il-hsieb li l-Airport jigi dipartiment ghalih pero` sat-tarf tal-1988 kien ghadu anke finanzjarjament dipendenti mid-dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili. Wara sar Air Terminal Department. Infatti kellu anke budget ghalih u jiena anqas kelli x' naqsam. Infatti n-nies kollha li kienu mieghi spiccaw fid-dipartiment il-gdid barra Borg Marks li ma ntbaghatx maghhom.

Mill-1 ta' Jannar 1989 is-sezzjoni kollha kemm hi marret ghal dipartiment iehor hlief ghal Borg Marks li mar l-Air Traffic Control. Ir-rikorrent peress li kien mar lura l-Air Traffic Control kellu jerga' jaghmel xi training minhabba l-licenzja. In segwitu kien applika xi snin wara ghal Operations Officer li seta' japplika ghaliha anke minn barra d-dipartiment u fil-fatt hekk ghamel u kien gie maghzul. Hu applika bhala outsider. Mar f' section ohra pero` fid-Department of Civili Aviation. Hu telaq lill-Armata u gie impjegat gdid mal-Gvern.

**KONKLUZZJONIJIET :**

Illi ghalhekk jirrizulta li wara l-mewt tal-Kaptan Wallace Caruana, f'Jannar tal-1985 ir-rikorrent li kien Lieutenant inhatar Acting Airport Manager. Minn dak li intqal fuqu mid-diversi xhieda mexxa b'efficjenza ghalkemm kien qieghed jaghmel xoghol li normalment kien isir minn Kaptan. Infatti l-kap tieghu ta' dak iz-zmien is-sur Salvu Fenech kien irrakkomanda li jinghata promozzjoni ghal Kaptan ghalkemm xorta wahda ma lehaqx. Fl-20 ta' Jannar 1988 harget cirkolari li setghu japplikaw ghaliha biss min kien Civilian u ghalhekk ir-rikorrent kien eskluz. Din kienet ghal Post ta' Assistant Terminal Manager in the Department of Civil Aviation. Din il-kariga hadha certu Richard Farrugia. Skond ix-xhud Attard dan Farrugia dak iz-zmien kellu grad ta` technician 2 mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni; izda meta mar Farrugia anke meta kien ghad hemm is-Sur Borg Marks, prattikament ha over hu. F' Mejju tal-1988 kien hemm il-hsieb li l-Airport jigi dipartiment ghalih. Wara hafna mill-haddiema li kienu fid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili spiccaw fid-dipartiment il-gdid barra Borg Marks li ma ntbaghatx maghhom u mar l-Air Traffic Control fuq istruzzjonijiet tal-Ministeru. Peress li kien mar lura l-Air Traffic Control ir-rikorrent kellu jerga' jaghmel xi training minhabba l-licenzja. Spicca f'sezzjoni fejn il-postijiet kienu kollha okkupati u minghajr cans ta' avvanz.

Ghalhekk ir-rikorrent jilmenta li kif graw l-affarijiet hu gie trasferit minghajr ma inghata raguni hlief li d-Direttur tal-Avvjazzjoni Civili

kellu istruzzjonijiet biex jaghmel hekk. Kawza ta' dan baghta danni finanzjarji, inkluz chances ghall-promozzjoni, oltre d-dwejjaq tas-sitwazzjoni. Ir-rikorrent ma jistax jinghata lura l-posizzjoni li kellu ghax issa l-Air Terminal mhux immexxi mid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili, id-Dipartiment li mieghu hu impjegat issa.

L-intimat jikkontendi li t-transfer lura kien ben motivat u ma sarx ghall-skopijiet ta' diskriminazzjoni kif allegat mir-rikorrent. Isostni li qabel 1987 kien hemm policy decision li certu karigi fid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili kellhom ikunu mill-Armata, liema decizzjoni tbiddlet wara Mejju, 1987, u fl-20 ta' Jannar, 1988 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' Assistant Terminal Manager liema sejha kienet miftuha ghall-impjegati tal-Gvern li ma kellhomx rank ta' anqas minn Executive Officer. Billi r-rikorrenti kien jahdem mall-Militar ma setax jikkwalifika. B'rizultat ta' din is-sejha gie maghzul Richard Farrugia u nominat b'sehh mit-8 ta' April, 1988 u in segwitu hargu struzzjonijiet biex ir-rikorrent jerga jassumi d-dmirijiet ta' Air Traffic Controller.

Hawn qedgha manifesta l-ingustizzja li sofra r-rikorrent. L-awtoritajiet ghazlu li jehilsu minnu u hargu s-sejha ghall-applikazzjonijiet b'dak il-mod u b'hekk ir-rikorrent gie eskluz. Meta awtoritajiet johorgu applikazzjonijiet ta' kwalsijasi natura li pero' tibda taghlaq minn hawn u minn hemm dawn ikollhom skop ulterjuri u dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jiccensura tali procedura kif fil-fatt qieghed jaghmel ghax id-dover tieghu. Limitazzjonijiet ta' eta'

jew ta' minimum ta' kwalifiki f'applikazzjonijiet ghal post tax-xoghol certament jaghmlu sens izda mhux limitazzjonijiet ohra. Irrizulta car li kien hemm istruzzjonijiet mill-Ministeru biex ir-rikorrent jitnehha ghalkemm kien bniedem li kulhadd fahhru ghax-xoghol tieghu. Kawza ta' hekk tilef hafna kif issemma hawn fuq. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' erba'telef lira [LM4000].

Spejjez kontra l-intimat.